MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1570/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**vs**

**Kurt Buttigieg (ID 559081M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta’ Ottubru 2010, fejn intalab li l- konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tmien mija, erbgha u sebghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€874.47c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra in-nota ta riduzzjoni tas-socjeta attrici ippresentata fid-9 ta’ Dicembru 2010 fejn l-ammont gie ridott b’mija u tmenin Ewro (€180.00c)

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2010, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija, erbgha u disghin Ewro sebgha u erbghin centezmu (€694.47c), bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------